# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Marzu2002**

**Numru**

**Citaz. numru 636/94 DS**

Salvino Gauci ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Salvino's Nurseries Ltd., u b'nota tad-29 ta' Dicembru 2000 assuma l-atti tal-kawza Stuart Blackman fil-kwalita' tieghu ta' stralcarju tas-socjeta'

Salvino's Nurseries Ltd. minflok Salvino Gauci.

Vs

Joseph u Mary mizzewgin Abela

Illum, 8 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-9 ta' Mejju 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi huwa biegh u kkonnsenja lill-konvenuti kwantita ta' pjanti bil-prezz ta' Lm322.40,0;

Illi ghalkemm interpellati ufficjalment biex ihallsu huma baqghu inadempjenti;

talab lill-din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tliet mija tnejn u ghoxrin lira u erbghin centezmu (Lm322.40,0) prezz ta’ pjanti lilhom mibjugha u konsenjati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ April 1994 u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra.

Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez billi l-ftehim bejn il-kontendenti ma kienx biss wiehed ta’ bejgh u xiri izda kien ukoll jinkludi l-ghoti ta’ pariri u konsultazzjoni mill-attur lill-eccipjenti dwar it-tip ta’ pjanti illi kien jaqbel illi jigi akkwistat mill-eccipjenti u kif ukoll il-postijiet fejn l-istess kellhom jithawlu u fir-rigward ta’ kull obbligu assunt minnu l-attur nomine baqa’ inadempjenti u dan peress illi l-pjanti mibjugha kienu gja mejta meta gew konsenjati lill-eccipjenti u dawk illi ma kienux gja mejta mietu wara ftit granet jew ghaliex ma kienux

b'sahhithom jew ghaliex il-pariri moghtija mill-attur nomine kienu inkorretti.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-27 ta' Frar 1995 fejn gie nominat Dr. Anthony Ellul bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz., u dan bl-assistenza tal-perit tekniku Peter Caruana;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fit-2 ta' Marzu 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat illi:-

Kif korrettament gie sottomess fl-eccezzjonijiet, dan ma kienx semplici kaz ta' bejgh u xiri ta' pjanti peress li Salvino Gauci kien gie nkarigat mill-konvenuti biex imur fuq il-post id-dar taghhom u jghidilhom x'tip ta' pjanti

kellhom jithawwlu u fejn kellhom jitqeghdu. Fil-fatt dan ghamlu u anke hejja skizz fejn kellhom jithawwlu l-pjanti. Salvino Gauci xehed fis-seduta peritali tad-9 ta' Gunju 1995 li kien ha in konsiderazzjoni l-ambjentament tal-post u ssuggerixxa t-tip ta' pjanti li kellhom jithawwlu u fejn kellhom jithawwlu. Is-somma ta' Lm322.40 pretiza fic-citazzjoni tinkludi x-xoghol ta' thawwil. Il-pjanti thawwlu fl-4 ta' Jannar 1994.

Fix-xhieda tieghu Salvino Gauci qal li wara xi tliet xhur l-accountant gibidlu l-attenzjoni li l-kont kien ghadu ma thallasx u ghalhekk hu cempel lill-konvenut izda meta kellem lill-konvenuta din qaltlu li ma riditx thallas ghax mietu l-pjanti. Meta talbitu jerga' jmur jara, talabha thallas imbaghad imur jara u assiguraha li dawk il-pjanti li kienu mietu b'tort tal-kumpanija kienu jinbidlu. Il-pozizzjoni pero' baqghet li l-konvenuti ma hallsux u l-attur nomine ma marx fuq il-post.

Fir-relazzjoni taghhom il-periti gudizzjarji jikkummentaw hekk:

"Illi ghalhekk ghandha ssir indagni biex wiehed jara jekk l-ilment tal-konvenuti huwiex gustifikat. Jinghad li l-konvenuti ma ressqu ebda prova li l-pjanti li gew ikkonsenjati kienu mejtin, jew li kienu affetti minn xi mard

jew ma kinux b'sahhithom *(iuxta allegata et probata).* Sahansitra l-konvenut xehed li 'jiena meta rajt il-pjanti, dawn kienu diga' mhawwlin. ***Jiena rajt il-pjanti mhawwlin u ma qaghadx naghti kaz jekk dawn kienu hajjin jew mejtin. Ma qaghadx nispezzjonahom wahda wahda. Ma niftakarx jekk il-weraq tal-pjanti kinux hodor jew kannella.*** Nghid li l-ward kellhom zkuk biss' (seduta tat-13 ta' Ottubru 1995). Huwa kompla jixhed li '*progressivament il-pjanti bdew imorru ghall-aghar sakemm wasalna ghal dak li hemm illum'.* Il-konvenuti xehdu li wara li thawwlu, il-pjanti kien isaqqihom ragel li kien jiehu hsieb it-tindif tal-gnien. Sahansitra l-konvenut xehed fis-seduta tad-9 ta' Awissu 1996 li din il-persuna, ***'ma kienet ghaddiet ebda kumment dwar il-pjanti li gew imhawwlin mill-attur'.*** Wiehed kien jistenna li l-konvenuti jressqu lil din il-persuna bhala xhud, u dan peress li skond ma qalu kien hu li jiehu hsieb dawn il-pjanti. Mill-provi rrizulta li x-xoghol sar f'Jannar 1994. Dan huwa l-ahjar zmien sabiex jithawwlu l-panti, peress li jkunu "reqdin" Dan ma jfissirx li thawwil ta' pjanti li jsir f'dan iz-zmien m'huwiex soggett ghall-perikli, bhal kesha, rih u xita qawwija. Riskji li wiehed irid jiehu u li hadd m'ghandu kontroll fuqhom.

Illi l-perit tekniku huwa tal-fehma li l-ilment tal-konvenut huwa gustifikat biss fir-rigward tal-ward (tmienja u ghoxrin (28) warda tat-tip Floribonda bil-prezz ta' Lm2.50 kull-wahda – **Dok. AE**) li thawwlu f'post mhux addattat u fejn qatt ma setghu jikbru. Fil-fatt hemm qbil li dawn il-ward thawwlu f'konka (ara verbal ta' l-access li sar fit-12 ta' Settembru 1995) li hemm fuq ix-xellug tad-*drive in* li hemm fid-dar tal-konvenuti inti u thares faccata d-dar. F'din l-istess konka thawwlu wkoll:

(a) **Hedera Ivy** – meta sar l-access fit-12 ta' Settembru 1995 il-perit tekniku kkonstata li dawn il-pjanti kienu qeghdin jarmu weraq godda. Dwar in-nixfa f'xi weraq u frieghi, wiehed jispjega dan ghal fatt li l-pjanta tkun ghadha ma qaghditx fl-ambjent gdid taghha. Kull pjanta tiehu certu ammont ta' zmien sabiex tidhra fl-ambjent gdid taghha u sabiex tistabilixxi ruhha f'dak l-ambjent.

(b) **Euonymus** – fl-access li sar fit-12 ta' Settembru 1995, dawn dehru li huma b'sahhithom u qabdu.

Din id-drive tintuza sabiex jiddahhlu l-vetturi tal-konvenuti. Il-perit tekniku huwa tal-fehma li l-*exhaust* tal-vetturi seta' biss ikun ta' hsara ghal dawn il-

pjanti ghaliex dan huwa valenuz ghas-sahha tal-pjanta. Il-kumpanija attrici ma kelliex thawwel din it-tip ta' pjanta f'din il-konka, u mill-esperjenza li ghandha kellha tkun taf li l-ward qatt ma setghu jiehdu r-ruh. Il-perit tekniku huwa tal-fehma li f'dik il-konka kellhom jitqieghdu pjanti li kienu aktar rezistenti u b'sahhtihom ghal dak it-tip ta' ambjent, bhal buganvilla. Il-perit tekniku jrid ukoll jaghmel osservazzjoni dwar l-allegazzjoni li ghamlu l-konvenuti fis-sens li l-ward kienu zkuk biss. Dan ma jfissirx li kienu mejta, morda jew ma kienux b'sahhithom. Sa dan iz-zmien il-warda tkun ghandha ma bdietx tarmi jew bdiet tarmi ftit. Ghalhekk anke jekk huwa minnu li minn meta thawlu kienet ghamlet grigalata qawwija (l-effett ta' dan ikun li z-zkuk tal-pjanta jiccaqalqu u tidhol l-arja kiesha hdejn l-eghruq. Peress li l-pjanta tkun ghadha ma zviluppatx, ma tkunx tiflah ghal dan it-taqlib), il-kumpanija attrici ma tistax tahrab mir-responsabilita' fir-rigward tat-28 warda (tat-tip Floribonda) ghaliex il-post fejn thawwlu ma kienx adattat ghalihom.

Illi dwar c-Cypressus Gold Crest (erbgha b'kollox), hawn ukoll ma tressqet ebda prova li dawn kienu effetti minn xi mard jew li kienu mejta meta thawwlu. Il-perit tekniku huwa tal-fehma li l-post fejn thawwlu huwa adattat ghal din it-tip ta' sigra. Fil-fatt hdejn dan il-post hemm ukoll sigar

tac-citru mhawwlin u hajt sabiex jilqa’ r-rih.  Li gara huwa li peress li l-pjanta tkun ghadha ma qaghditx fil-post fejn thawwlet, l-elementi kellhom effett avers fuq dawn is-sigar.  Dan minghajr ebda responsabilita’ ta’ min ikun hawwel il-pjanta.  Mhux l-ewwel darba li pjanti li ma jkunux ghadhom draw il-post fejn thawwlu, imutu f’daqqa.  Dan ma jfissirx b’ebda mod li l-pjanti ma kienux adattati sabiex jithawwlu f’dak il-post partikolari.”

B’hekk ikkonkludew li s-somma dovuta mill-konvenuti hija ta’ Lm252.40, cioe’ l-bilanc wara li tnaqqas Lm70 ghall-Floribonda Roses.

Fir-relazzjoni taghhom il-periti ma rreferewx ghal uhud mill-pjanti, izda bhalma spjega l-espert tekniku fl-eskussjoni tieghu, dan peress li dawk mhux imsemmija kienu f’post tajjeb.

Il-Qorti minn ezami tal-provi mressqa u mill-kostatazzjonijiet tal-periti gudizzjarji ssib li l-periti ghamlu apprezzament tajjeb tal-provi mressqa, taqbel maghhom u taghmilhom taghha salv dwar l-ammont li ghandu jithallas.  Difatti fir-relazzjoni taghhom naqsu s-somma ta’ Lm70 ghal 28 warda tat-tip Floribonda.  Pero` jirrizulta mill-kont esebit a fol. 4 li mill-kont diga` hemm Lm5 imnaqqsin ghal zewg Floribonda roses.  Ghalhekk is-

somma li trid titnaqqas hi ta' Lm65 u mhux ta' Lm70. B'hekk is-somma li trid tithallas mill-konvenuti hi ta' Lm322.40 - Lm65 = Lm257.40.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament kif inghad u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm257.40 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal 1/5 mill-attur nomine u 4/5 mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**

**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**